**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Jannar, 2021**

**Talba Nru: 39/2020PM1**

**AutoSales Limited (C491)**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletin (30) ta' Jannar, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€852.25) rapprezentanti prezz dovut ghal xoghol bejgh ta' *parts* bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2479/2018.

Ra l-kont anness mal-istess talba u mmarkat Dok. 'A'.

Ra r-risposta tal-konvenuti li, permezz taghha eccepew li:

1. It-talba qed tigi kkontestata ghaliex is-socjeta konvenuta hadet *truck* bil-hsara hekk kif indikat fil-*jobsheet* tal-istess socjeta` attrici, u s-socjeta` konvenuta intalbet thallas is-somma ta' 'l fuq minn €3000 ghal kontroll unit gdid.
2. Meta Direttur tas-socjeta` Pawlu Polidano ha l-kontroll unit ta' truck iehor bl-istess mudell, sabiex impjegati tal-atturi jkunu jistghu jivverifikaw li l-fault vera gejja mill-kontroll unit, il-part li gab is-Sur Polidani ma hadmitx lanqas u ghalhekk gie konfermat li l-problema mhux kif qalu l-istaff tas-socjeta` attrici, u kieku nxtrat il-part kif talbu kien ikun ghalxejn.
3. It-truck ittiehed lura minn Polidano bl-istess problema kif kien.
4. Is-Sur Polidano talab persuna privata sabiex ticcekja l-hsara, u wara ftit minuti il-problema giet rizolta minghajr part gdida, fil-garazz ta' Polidano stess.
5. In vista ta' dan kollu, u li t-truck baqa' ma giex imsewwi mill-atturi, Sur Pawlu Polidano kien offra s-somma ta' €500 tax-xoghol li kien sar, liema somma ma gietx accettat mis-socjeta` attrici.

   Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta qed tikkontesta l-kont hekk kif prezentat mill-attrici.

Sema' x-xhieda ta' Paul Polidano waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Terry Vassallo waqt is-seduta tad-19 t'Ottubru, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Mario Xuereb waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwardja talba ghall-hlas ta' servizzi rezi mis-socjeta` attrici koncernanti riparazzjoni ta' trakk appartenenti lis-socjeta konvenuta.

Illi mill-provi prodotti rrizulta kjarament li s-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta` attrici sabiex taffetwa tiswijiet fuq trakk akkwistat minghand l-istess socjeta` attrici liema trakk, wara li skadiet il-garanzija tieghu, gie affett minn hsara fejn, skont l-istess rapprezentant tas-socjeta` konvenuta "*dan kien jistatrja u wara ftit jintefa*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020).

Illi jinsab ukoll inkontestat bejn il-partijiet li t-trakk gie migbur u ritornat lura lis-socjeta` attrici peress li kull darba l-hsara kienet qed terga tirrizulta, xi kultant anke ftit wara li jingabar l-istess trakk. F'dan ir-rigward xehed l-istess Mario Xuereb in rapprezentanza tas-socjeta` attrici xehed ukoll u kkonferma s-segwenti:

> "*Nghid li fil-fatt Polidano kien hadu u rega gabu madwar tlett (3) darbiet. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid illi meta jiena qed nghid li sab irkabtu Vassallo tieghu dan il-vann skont Polidano xorta wahda Polidano kien qed jallega li t-tiswija kienet ghadha ma saritx. Polidano fil-fatt baqa' jinsisti maghna li wara li hadu minn ghandna t-trakk baqa' bl-istess problema fil-fatt huwa kien qed jghidilna li t-trakk kien qed jerga jintefa (...) Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li effettivament kull darba li l-vann ossia trakk gie mghoddi lilna ahna dejjem irriskontrajna xi difett u jkun ghalhekk li ahna nippruvaw naghmlu kuntatt mas-socjeta' barranija sabiex jaghtuna struzzjonijiet ghar-riparazzjoni relattiva.*"

Illi avut rigward ghas-surreferit, it-Tribunal isib li kienet ampjament gustifikata l-ghazla tas-socjeta` intimata li tittermina l-appalt moghti minnha lis-socjeta` attrici u kwindi taghzel li ma tkomplix taghmel uzu mis-servizzi taghha. F'dawn il-proceduri irrizulta li s-socjeta` attrici ma twettaqx tali xogholijiet ta' riparazzjoni b'mod regolari u anzi il-persuna li wettqet tali xogholijiet ghan-nom tas-socjeta` attrici ossija Terry Vassallo, stqarr: "*Nghid li jiena m'iniex a certified diagnostic technician fuq trakks tal-Mercedes, nghid pero' li training kelli. Sa fejn naf jiena sa z-zmien li nqala' dan il-kas partikolari Autosales lanqas ma kienet awtorizzata mill-Mercedes ta' barra sabiex taghmel dawn it-tip ta' xogholijiet fir-rigward ta' mudelli tat-trakkijiet tal-Mercedes.*" Fil-fatt, fil-kaz in ezami, kienet qablet li twettaq tali xoghol ghaliex, skont ma xehed Mario Xuereb, kienet id-ditta barranija stess li talbithom iwettqu tali servizzi fil-kaz partikulari tas-

socjeta` konvenuta. L-ghazla tas-socjeta` konvenuta tinsab ukoll ulterjorment gustifikata mill-fatt li, finalment, jidher li gie moghti l-parir sabiex jigi sostitwit il-computer tal-vettura liema computer, skont ix-xhieda ta' Vassallo effettivament u kif eccepit mill-istess socjeta` konvenuta jiswa "*generalment bejn elfejn u tmien mitt euro (€2,800) u erbat elef u mitejn ewro (€4,200).*" Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta gustament ukoll issugerixxa li jigi utilizzat il-kompjuter (uzat) ta' vettura ohra sabiex jigi verifikat jekk kienx ser ikun hemm utilita` fix-xiri tal-istess u, skont ma xehed l-istess technician,

> "*Naqbel ma' dak li qed jigi suggerit lili li s-Sur Polidano ssugerixxa li jgib kompjuter wiehed minn tieghu li kienu wzati u dan sabiex jevita l-ispiza li semmejt aktar qabel sabiex jixtri kompjuter gdid.* (…) *Nghid li jiena accettajt li ninstalla l-kompjuter li ghaddieli s-Sur Polidano. Nghid li ghalija wara li jiena nstallajt dan il-kompjuter uzat the original fault kienet giet risolta pero' rrizultali li bdew jigu ndikati faults ohrajn.*"

Illi jidher li kien proprju f'dan l-istadju li Paul Polidano ghazel li jiehu lura t-trakk u jqabbad lil haddiehor sabiex jahdem fuqu. Skont ix-xhieda tieghu, tqabbdet persuna barranija li sewwiet it-trakk billi, skont Polidano, iddeterminat problema f'xi *wire* u sewwa kollox fi ftit minuti. Min wettaq tali tiswijiet baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri imma Polidano spjega li min wettaq it-tiswijiet gie minn barra u rritorna lura lejn Sqallija wara li wettaq xoghlu. It-Tribunal jinnota li, fi kwalunkwe kaz, il-verzjoni ta' Polidano dwar kif gie finalment imsewwi t-trakk mhuxx biss baqghet mhux kontradetta imma hija wkoll verosimili tenut kont da li xehed ukoll Vassallo fis-sens li:

> "*Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li hawn Malta ma hawn hadd li hu certified sabiex jaghmel dan it-tip ta' xoghol min-naha tal-kumpanija tal-Mercedes ghaldaqstant naf li jekk is-Sur Polidano ried b'xi mod ma jimxix mal-parir tieghi dan bilfors kellu jkellem lil xi hadd barrani kieku ried li jkollu parir minghand xi hadd li huwa ccertifikat.*"

Illi mill-aspett prettament legali jinsab deciz mill-Qrati Taghna li:

> “*Jekk jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas jekk id-difetti rizultanti jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intraprez mill-attur u l-konvenut ikollu dritt, f'sitwazzjoni simili, jopponi l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas.*
>
> *Dan normalment jissucciedi fejn ikun jirrizulta li x-xoghol ezegwit ikun affett minn vizzji sostanzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita`taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent jew indikata minn natura stess tax-xoghol.*
>
> *Meta n-nuqqasijiet ma jigux definiti bhala sostanzjali l-appaltatur ma jitqiesx inadempjenti pero` jibqa' obbligat jew li jirripara u jaghmel tajjeb ghad-difett jew li jaccetta riduzzjoni.*
>
> *Huwa doveruz fuq l-appaltatur illi jassikura li x-xoghol li jezegwixxi jsir utilment. Dan anke ghaliex kif akkolt mill-gurisprudenza jekk jaghmel xoghol li jirizulta inutili hu ma ghandux dritt jithallas ta' xoghlu, li ghamel inutilment, ghax la kien jaf b'dik l-inutilita` u li x-xoghol kien kontra s-sengha ma kienx imissu ghamel dak ix-xoghol, u lanqas kien imissuikkarika lill-kommittent bl-ispiza tal-materjal relattiv.* (**SLADDEN GEORGE vs AGIUS LONZA** deciza mill-Onor. Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju, 2003).

Illi konsegwentement ghas-surreferit jinkombi fuq it-Tribunal li jiddetermina jekk effettivament ix-xoghol prestat mis-socjeta` attrici setax ikollu xi utilita` ghas-socjeta` konvenuta u, jekk iva, jekk tali utilita` tiggustifikax il-prezz shih mitlub minnha ghax-xoghol. Mill-kont mahrug mis-socjeta` attrici jirrizulta kjarament li x-xoghol fuq it-trakk ma giex kompletat anke ghaliex, kif inghad, it-trakk ingabar ghadu bil-hsara. Mill-provi irrizulta wkoll illi l-kont mahrug mis-socjeta` attrici huwa determinat mis-sieghat utilizzati mit-technician tas-socjeta` attrici sabiex iwettaq ix-xoghol tieghu (“*Il-kont jigi kwantifikat skont kemm il-siegha jiena nkun hdimt.*” xhieda moghtija minn Vassallo waqt is-seduta tad-19 t’Ottubru, 2020). Jirrizulta wkoll li t-trakk dam ghat-tiswija madwar xaharejn b’kollox u li bosta mis-sieghat gew utilizzati f’komunikazzjoni bejn

it-technician tas-socjeta` konvenuta u d-ditta barranija (*Qed nigi mistoqsi kemm dam dan it-trakk b'kollox ghandna nghid li nahseb li dam xahrejn ghandna.* (…) *Nghid li raguni wara dan id-dewmien setgha kien minhabba l-fatt li t-technician taghna jkun qieghed f'kuntatt kontinwu u nista nikkonferma li anke f'dan il-kas hekk gara u jkun qed jircievi struzzjonijiet minn barra dwar dak li ghandu jaghmel u t-testijiet li ghandu jaghmel fuq il-vettura sabiex isewwiha.*" xhieda moghtija minn Xuereb waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021).

Illi avut rigward ghas-surreferit, it-Tribunal isib li x-xoghol prestat mis-socjeta` attrici certament li kellu utilita` limitata ferm tenut kont tal-fatt li, finalment, it-trakk baqa' mhux imsewwi minnha imma anzi baqa' bid-difett originali tieghu minkejja s-sighat kollha ta' xoghol li jidher li gew impjegati fuqu. Madanakollu ma jistax ma jigix kkunsidrat li mhux il-hin kollu utilizzat mit-technician tal-istess socjeta` attrici kien inutli. Ghandu jinghad li l-istess technician jidher li wettaq testijiet fuq l-istess vettura u certament li tali rizultanza seta' kellhom utilita` ghas-socjeta` konvenuta anke meta din giet sabiex tappunta lil haddiehor sabiex ikompli x-xoghol. Jinsab fil-fatt ammess mill-istess socjeta` konvenuta, kemm permezz tar-risposta taghha ghal din il-kawza u kif ukoll tramite x-xhieda ta' Paul Polidano li huwa offra l-hlas ta' hames mitt euro (€500) ghas-saldu tas-servizzi prestati mis-socjeta` attrici imma dawn irrifjutaw tali pagament.

Avut rigward ghal dak kollu surreferit it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax li s-somma offerta lill-attrici mis-socjeta` konvenuta hija certament sufficjenti sabiex tikkumpensa lill-istess attrici ghax-xoghol limitatament utli prestat minnha. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma offruta minnha ta' hames mitt euro (€500) lis-socjeta` attrici. Tenut kont tal-fatt li tali somma kienet diga` giet offerta mill-istess konvenuta u rrifjutata mis-socjeta` attrici, it-Tribunal isib li huwa gust u ekwu li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza u l-ispejjez ta' din il-procedura jigu sopportati interament mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta sakemm kompatibbli mas-surreferit, jilqa' limitatament it-talba attrici fis-somma ta' hames mitt euro (€500) u kwindi jikkundanna

lill-istess socjeta` konvenuta thallas l-istess somma ta’ hames mitt euro (€500) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza. Ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, l-ispejjez jigu sopportati interament mis-socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**